IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 32**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

** Is-Sindku talab minuta silenzju b'rispett għat-telfa tal-mara tal-Kunsillier Nazju Cassar.

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 4, 5 u 6 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti informazzjoni dwar l-aspett finanzjarju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.**



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**4.00 Żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat Każ Nru: 412/14**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għaċ-ċirkolari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fil-5 ta' Jannar 2015 dwar 'L-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013' u li kopja tagħha kienet mibgħuta lill-membri kollha tal-Kunsill fil-ġurnata li waslet. Kopja tal-imsemmija ċirkolari tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat Każ Nru: 412/14

Saret ukoll referenza għall-korrispondenza oħra mill-istess dipartiment fl-14 ta' Jannar 2015 dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2015 li telenka kif din għandha tiġi riflessa fl-estimi finanzjarji, billi tingħata prijorità assolta għall-Emolumenti Personali, Funzjonijiet Statutorji u Spejjeż Obbligatorji. Kopja tal-imsemmija korrispondenza tinsab annessa ma' dawn il-minuti s-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li elenkat il-funzjonijiet statutorji tal-Kunsill hekk kif jirriżultaw minn artiklu 33 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali ddikjarat li sa tkun qed timxi mad-direttiva maħruġa mid-dipartiment sabiex jitnaqqas id-*deficit* matul l-2015.

Is-Sindku għamel dikjarazzjoni lill-Kunsill billi qara ittra ta' risposta li kien ser jibgħat personalment lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn enfasizza li s-seba' leġislatura eletta fl-2013 kienet għamlet l-għalmu tagħha biex id-*deficit* ma jkompliex jiżdied u għaldaqstant iħoss li b'din iċ-ċirkolari qed jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-Kunsill. Kopja tal-imsemmija dikjarazzjoni/ittra hija annessa ma' dawn il-minuti. Huwa saħaq li dan id-*deficit* kien ilu ġej għal numru ta' snin u li qatt ma ttieħdu passi simili.

L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja għarraf lill-Kunsill li id-*deficit* finanzjarju kien ġie rrapurtat l-ewwel darba fl-2009.

Mistoqsi mill-Kunsillier Rudolf Grima, l-*accountant* wieġeb li d-*deficit* kien akkumula kif ġej:

2009 - €125,000
2010 - €135,000
2011 - €155,000
2012 - €176,000
2013 - €228,000

Il-Kunsillier Rudolf Grima ddikjara li ser ikun qiegħed jaderixxi mad-direttiva mogħtija mid-dipartiment peress li hu ma jridx ikun responsabbli personalment għad-dejn li għamel il-Kunsill. Is-Sindku fakkru li hu kien parti mill-leġiżlaturi preċedenti.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill filwaqt li jkompli jikkontrolla d-*deficit* ma jillimitax in-nefqa tiegħu għall-*commitments* li daħħal għalihom fir-rigward tad-Day Centre u għall-kontribuzzjoni fil-qasam sportiv fil-lokalità. Ma ttieħed l-ebda vot fuq din il-proposta.

**5.00 *Quarterly Financial Statements* (Ottubru - Diċembru)**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li *item* 6 jerġa' jitla' fuq l-aġenda li jmiss *Quarterly Financial*

peress li l-*accountant* kien għadu ma għalaqx il-kotba finanzjarji għas-sena 2014 minħabba li l-Kunsill kien għadu qiegħed jirċievi kontijiet relatati mas-sena preċedenti. Il-Kunsill qabel unanimament. *Statements* (Ottubru-Diċembru)

**6.00 Budget 2015**

6.01 Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti dwar l-Estimi Annwali 2015, ġie maqbul li diversi spejjeż li l-Kunsill kien qed jonfoq, jiġu mnaqqsa konsiderevolment sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn li jrid jitħallas. Fost dawn ġie maqbul li: Budget 2015

- Il-ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill flok tinħareġ erba' darbiet f'sena kif huwa stipulat fil-kwotazzjoni, dan joħroġ darba waħda biss.
- L-ispejjeż konnessi mal-ħarġiet tal-anzjani u ċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani m'għandux jeċċedi d-dħul li jiġi ġġenerat mill-istess attivitajiet.
- Ġie maqbul ukoll li fl-okkażjoni ta' Jum il-Lokalità ma jsirx ir-riċeviment li kien isir kull sena inkonnessjoni ma' din l-attività.

Ġie maqbul ukoll li fil-vot tar-*repairs and upkeep* tal-lokal jintefaq l-inqas ammont possibbli minn dak li kien jintefaq fil-passat u li kull tliet xhur jiġi rivedut il-*budget* 2015 sabiex f'każ li jkun hemm bżonn li ssir riallokazzjoni minn vot ieħor (fejn ma jkunx intefaq), dan għandu jseħħ u jiġi deċiż waqt laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-Kunsill jitlob direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-trasport li kien jiġi provdut lin-*nursery* tar-Rabat Ajax sabiex din it-tali deċiżjoni tkun imdaħħla fl-estimi tas-sena 2015. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-abbozz tal-Estimi Annwali 2015 ġie approvat hekk kif emendat.

6.02 Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda.

** Il-Kunsillier Paul Grech talab li jiġi skużat fid-9.15 ta' filgħaxija.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 32**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G32 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 32

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 32** Punti li joħorġu mill-Minuti G 32

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill ma kellu l-ebda informazzjoni dwar l-arbli li twaħħlu. Hija qalet li għaldaqstant talbet tali informazzjoni lill- Arbli tad-dawl fi Triq Ferris

Korporazjoni Enemalta.

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-9.25 ta' filgħaxija.

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza li rċieva dwar id-*disabled parking bays* li tneħħew waqt it-twettiq tal-proġett ta' Triq Santa Rita. Huwa informa l-laqgħa li kien ser jiddiskuti mal-*project coordinate* dwar l-possibiltà li jinsab sit temporanju fejn isiru l-imsemmija *parking bay*. *Disabled parking bays* fi Triq Santa Rita

## 7.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 242 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 242

## 8.00 Ħruġ tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka

8.01 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka

## 9.00 Korrispondenza

9.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0052/15, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u skont kif tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li fi ftit tal-ġimgħat oħra trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Is-Sindku ppropona li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ġiet mgħarrfa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali ma kienx japplika fil-każ tal-Viċi Sindku Doris Coleiro, peress li d-dipartiment issa qed juża komputazzjoni differenti minn dak użat fil-passat. Attendenza tal-Kunsillieri

9.03 Is-Sindku ppreżenta talba mill-imjegata tal-Kunsill is-Sra Roberta Galea fejn qed tagħmel talba lill-Kunsill għar-*reduced hours* sabiex taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa, liema talba tidħol b'effett mill-1 ta' Ottubru 2015 u tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin, liema perjodu jista' jiġi rivedut minn żmien għal żmien qabel jagħlaq. Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li t-talba tiġi approvata. Issekonda din il- Talba għar-*reduced hours*

proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/0003/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kumpanija Green Mt qed titlob li l-kontenituri għall-użu tal-ħġieġ biss jitneħħew jew inkella jitpoġġew f'postijiet oħra fejn jistgħu jiġu użati aktar u ma jiġux abbużati. Kontenituri għall-użu tal-ħġieġ

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li tintalab statistika lill-kumpanija Green Mt dwar liema huma dawk il-kontenituri li lanqas li qegħdin jiġu użati jew abbużati. Ġie deċiż ukoll li tinġibed l-attenzjoni tal-kumpanija li l-ġabra tal-ħġieġ fir-Rabat mhux qed issir darba fix-xahar hekk kif stipulat fil-kuntratt.

9.05 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/1913/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din il-bozza għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. Installazzjoni ta' bozoz

9.06 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/0016/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-organizzatturi ta' *The Escargo Festival* sabiex itellgħu għall-ewwel darba dan il-festival ġewwa l-lokalità tar-Rabat. Huma wrew ix-xewqa wkoll li din l-attività ssir taħt il-patroċinju tas-Sindku. *The Escargo Festival*

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din l-attività ssir bil-kundizzjoni li ż-żona tiġi mnaddfa wara l-attività għas-spejjeż tal-organizzatturi u li jinħarġu l-permessi meħtieġa skont il-liġi. Is-Sindku aċċetta li tali attività ssir taħt il-patronċinju tiegħu.

**10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B06**

10.01 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B06 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija B06

**11.01 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B05**

11.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B05 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B05

**12.00 Materji Oħra**

12.01 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li l-Pjazza ta' San Pawl kienet għadha mitfija. Huwa suġġerixxa li ngħidu lill-kuntrattur sabiex jiċċekkja s-*circuit breaker*. Dwal maqtugħ fil-Pjazza ta' San Pawl

12.02 Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Sqaq Fra Diegu. *Refresh* sinjali tat-traffiku fi Sqaq Fra Diegu

12.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo ssuġġerixxa li tinbidel temporanjament id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq iz-Zahar sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Vjal il-Ħaddiem. Hu qal li s-*site plan* li tindika dan it-tibdil ser tiġi mgħoddija fil-jiem li ġejjien lis- Tibdil temporanju fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq iż-Żahar

Segretarju Eżekuttiv.

12.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa lis-Sindku jekk il-*U-bars* li saru fi Triq Borg Olivier kinux twaħħlu mill-Kunsill u jekk iva kienx inħareġ il-permess minn Transport Malta sabiex dawn isiru.

*U-bars* fi Triq Borg Olivier

Is-Sindku wieġeb li l-*U-bars* saru mill-*handyman* tal-Kunsill fuq ordni tiegħu.

Is-Segretarju Eżekkuttiv qalet li hija ma kienet tat l-ebda ordni sabiex jitwaħħlu dawn il-*U-bars* u li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda permess minn TM relatat ma dawn il-*U-bars.* Għaldaqstant hija aċċertat lill-Kunsill li l-għada filgħodu ser tagħti ordni lill-*Handyman* sabiex imur jaqlagħhom.

12.05 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Justyne Caruana sabiex magħha jiġi diskuss ċ-Ċentru għal matul il-jum tal-anzjani ġewwa r-Rabat. Isssekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Justyne Caruana

**13.00 Data tas-seduta li jmiss**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

13.02 Il-laqgħa ntemmet fid-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 17 ta' Frar 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**